# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

**Marzu - April 1987** **Nru. 35**


## *Jien Nakkużak.....Inti Ħati?*

L-awla kienet mimlija daqs bajda. Nies ta' kull età u ta' kull sura. Ilkoll ipaċpċu bejniethom. Kulħadd irid jgħid tiegħu. Infetaħ bieb ċkejken u minnu dehru ħerġin l-akkużati kollha. Għall-ewwel m'għaraft lil ħadd, iżda mbagħad, hekk kif sabu posthom bilqiegħda, bdejt nilmaħ uċuh li donni kont nafhom x'imkien. Sħabi l-ġurnaljsti fetħu mill-ewwel in-Note-book ta' quddiemhom u bdew iħażżu bil-ħeffa fuqhom Ftakart li anke jien, għalhekk kont mort hemmhekk. Kont ġejt mistieden biex nassisti għall-ikbar proċess tas-seklu. Il-Qorti kienet ġiet mitluba ssib ħati lil kull wieħed minn dawk l-akkużati bil-qtil ta' Ġesù ta' Nazareth.

L-Imħallef daħal dritt dritt u tela' f'postu fil-għoli. Sabbat darbtejn fuq il-mejda bil-mazza ċkejkna li kellu, u l-folla paċpaċa hediet mit-tgemgim tagħha. Għajnejh kulħadd issammru fuq l-iżbarra ħalli jaraw min kien ser jitla' l-ewwel, filwaqt li fetħu beraħ widnejhom li ma jmorrux jitilfu kelma waħda minn dak li kien ser jingħad.

Hu impossibbli ngħidilkom kelma b'kelma kull ma ntqal. Ser niġbor fil-qosor dak kollu li kull akkużat ressaq biex jiddefendi lilu nnifsu.

**Pietru:** Ammetta li għamel żball u żball kbir, meta ċaħad li jaf lil Ġesù, u ħalef u saħaq li ma kienx jafu. Iżda dak għamlu għax beża'. X'tort kellu jekk wettaq dak l-iżball? Forsi mhux hu kien li ftit qabel, silet is-sejf u qata' barra widnet il-qaddej ta' Kajfas? Imbagħad, kien talab maħfra, u Ġesù kien ħafirlu.

**Appostlu:** Ammetta li hu u sħabu abbandunaw lil Ġesù fl-aktar mument diffiċli. Ħarbu lkoll u marru



jissakkru fiċ-Ċenaklu. Jaf li ma għamlux sew. Iżda min jista' jlumhom? F'dak id-dlam, b'dawn is-suldati armati bil-bsaten u il-ħbula.... u anke Ġesù-stess kien qalilhom ftit qabel, li jittieħed ir-ragħaj u l-merħla tinxtered.....

**Ġuda l-Iskarjota:** Ma setax jaħbi l-fatt li biegħ lil Ġesù. Dak fatt li ma jistà jiċħdu ħadd. Iżda argumenta u qal li hu ma biegħux għall-flus. Kien jaf jagħmilhom il-kontijiet, għax jekk ftit qabel, flixkun żgħir biż-żejt u l-balzmu apprezza mitt dinar, Ġesù kien jiswa ferm iktar minn tletin biċċa tal-fidda. Biegħu għax ħass ruħu żvijat. Ried mexxej ġellied u sab bniedem ġwejjed riekeb fuq ħmara u jippriedka l-maħfra.

**Kajfas:** (li tkellem f'isem Anna u Erodi) Insista li huma ma kienux jafu eżattament lil min kellhom quddiemhom.


***Għaddew aktar minn 800 sena, imma l-ġrajja tal-Fqajjar t'Assisi għadha ħajja daqs qatt qabel.***



**INT FEJN SEJJER?**

*Spettaklu Medjovali-Mużikali*
*dwar il-Ħajja ta' San Franġisk*

***Post: TEATRU ASTRA***
***Ġranet tal-Wiri: 21, 29 ta' MARZU u 5 t'APRIL***


**EZERCIZZI TAR-RANDAN** *Ara Pagna 8*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

*Editorjal*

# INSAĦĦU L-ISTRUTTURI PASTORALI

Ftit ġimgħat ilu waqt il-Qdusija Tiegħu l-Papa kien qed ikellem lill-grupp ta' Isqfijiet Taljani li kienu, bħala reġjun, qed jagħmlu l-vista tagħhom 'ad limina apostolorum' huwa qalilhom li l-importanza tal-parroċċa fi ħdan il-knisja qed tikber.

Il-Papa qal li din l-importanza ma tidhirx biss minn dak li jgħid il-Kodiċi l-ġdid imma f'dawk il-ħidmiet partikolari li hija twettaq biex tirrendi ħaj u attiv il-misteru tal-Knisja u tal-missjoni tagħha li xxandar lil Kristu u tifforma n-nisrani fil-ħajja ta' kuljum taħt il-gwida tar-ragħaj tagħha. Il-Papa kompla jgħid li l-parroċċa għandha nfluwenza ewlenija biex tqanqal fil-Knisja forom ta' dik il-"qdusija popolari" li hija wieħed mit-teżori l-aktar ta' preġju tal-popolazzjonijiet Insara tagħna.

Iżda biex iseħħ kliem il-Papa, fil-parroċċa jrid ikun hemm dawk l-istrutturi pastorali li jirrenduha ħajja u effikaċi.

Dawn l-istrutturi fil-parroċċa tagħna jeżistu u qed iħallu ġid kbir. Insemmu fost l-oħrajn il-laqgħat tal-kategoriji, il-kors ta' l-għarajjes u dawk li qed iħejju biex jiżżewġu, il-laqgħat għall-miżżewġin, il-grupp tal-Vokazzjonijiet u l-ġimgħat ta' attivitajiet partikolari li jsiru. Forsi hawn minn jistaqsi: Imma dan mhux biżżejjed?

Veru qed isir ħafna ġid. Imma fil-parroċċa, biex ċerti affarijiet jitmexxew aħjar jeħtieġ li jkollok dak li nistgħu nsejħulu 'workshop' attrezzat tajjeb. U ngħiduha bla tlaqliq biex ikollna dan għadna ftit lura. Biex il-messaġġ ta' Kristu wassluħ ħaj u ċar jeħtieġ li jkollna għodda moderna. Għodda li tgħin lil komunità parrokkjali kollha biex tagħraf aħjar il-messaġġ tal-Vanġelu. Hawn min jistaqsi: imm x'ġid jista' joħroġ jekk noffri lill-Knisja magna tas-slides, jew kompjuter, jew scanner, jew għotja ta' kotba jew typewriter? Minn jaħseb li b'affarijiet bħal dawn ma jsirx ġid spiritwali, għadu jgħix fuq l-għatba tas-seklu għoxrin u mhux fi tmiemu. Illum il-pastorali, biex tkun effettiva, trid tkun mibnija fuq apparat modern. Il-Knisja ma tistax tibqa' lura u ma tagħmilx użu minn dak li l-intelliġenza tal-bniedem wasslitu biex jivvinta.

Dawn ukoll meta jiġu akkwistati mill-parroċċa tagħna jkunu opri ġodda; mhux li forsi tieħu gost tħares lejhom imma li mal-medda tas-snin tieħu gost tara kemm ġid jista' joħroġ fost il-komunità parrokkjali biex tikber u tissaħħaħ fil-qdusija. J'alla li bil-mod nibdew nagħrfu aħjar x'inhuma l-aqwa u l-iżjed affarijiet bżonnjużi għall-parroċċa tagħna fiż-żminijiet ta' llum, għax kif qal il-Papa waqt dik il-laqgħa li semmejna fil-bidu, 'l-importanza tal-parroċċa qed tikber u għalhekk tirrikjedi kura partikolari'.

*Messaġġ ta' l-Arċipriet*

# Wasal ir-Randan! Ma naħluhx

Meta tasal f'idejkom ir-rivista tagħna, ikun beda ż-żmien qaddis tar-Randan. Żmien għażiż u żmien mill-iżjed importanti. Żmien ta' riflessjoni u żmien ta' ġabra. Żmien li fih il-bniedem jieqaf ftit u jeżamina lilu nnifsu u jara x'irid isir biex ħajtu tkun aħjar milli kienet qabel.

**Affarijiet li jgħinuna:**

Hemm ħafna affarijiet fir-Randan li jgħinuna. **Il-liturġija** bil-kliem meqjus tagħha u bil-funzjonijiet li jqanqluk, tgħinna nifhmu aħjar x'għamel Ġesù għalina biex isalvana.

**L-Eżerċizzi Spiritwali** li jsiru f'kull parroċċa u f'ħafna knejjes juruna x'qed jistenna minna Ġesù jekk aħna rridu nimxu warajh. Juruna wkoll fejn stajna nqasna u kif nistgħu nerġgħu nakkwistaw il-hena f'qalbna permezz tas-sagrament tar-rikonċiljazzjoni.

**Is-Sawm u l-Astinenza** jservuna biex nitgħakksu xi ftit mill-fsied li nkunu darrejna lilna nfusna fih, u jwassluna biex ikollna xi ħjiel żgħir ta' dak li wettaq Ġesù għalina. Huwa veru li l-astinenza trid issir fil-ġimgħat kollha tas-sena, iżda fir-Randan żgur li nifhmu iktar l-importanza tagħha.

**Il-Via Sagra u l-Istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira** jpoġġulna quddiem għajnejna l-episodji kollha tal-Ikbar Ġrajja, il-Fidwa tagħna l-bnedmin. F'kelma waħda għandna ħafna affarijiet li jgħinuna ngħixu din l-esperjenza ħajja tar-Randan, biex inkunu nistgħu niċċelebraw denjament il-Qawmien ta' Ġesù mill-Imwiet f'Jum il-Għid il-Kbir.

**Affarijiet li jtellfuna.**

Iżda jekk insibu ħafna affarijiet li jgħinuna, daqshekk ieħor niltaqgħu m'okkażżjonijiet li jippruvaw itellfuna. Ix-xitan żgur li jagħmel ħiltu kollha biex itellifna. U jsib ħafna aġenti biex jgħinuh.

Huwa veru li f'dawn il-jiem pajjiżna jkun mhedi bil-għażla ta' min ser imexxih fil-ħames snin li ġejjin. Huwa veru li moħħna jkun imxerred b'mitt elf ħaġa oħra, problemi tad-dar, problemi fuq il-post tax-xogħol, problemi f'kull settur tal-ħajja.

Ma nħalluhx jittradina b'dan il-mod. Napprofittaw ruħna: Ir-Randan jiġi u jmur, li jibqa' hu, it-tajjeb jew il-ħażin li nkun għamilt fih.

*L-Arċipriet*

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

9-1-87 MATTHEW CAMILLERI iben Emanuel u Carmela nee' Curmi

11-1-87 JOSCELIN HABER, bint Frans u Antionette nee' Buttigieg

## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| Rita Cremona 2-1-87 | Tereza Caruana 19-2-87 |
| Lorenzo Debrincat 4-1-87 | Ġużepp Cutajar 26-2-87 |
| Mikiel Farrugia 8-1-87 | Angolina Portelli 26-2-87 |
| Maria Dolora Attard 15-2-87 | |

Jaf biss li Ġesù kien qed isejjaħ lilu nnifsu Iben Alla. Ċaħad bl-aħrax li żerżaq il-flus f'idejn in-nies biex jgħidu li jridu lil Ġesù msallab. Qal li kellu quddiemu xhieda li għalkemm mhux dejjem qablu bejniethom iżda qablu żgur li Ġesù kien ħaqqu l-mewt. Hu ma għamel xejn għajr dak li kienet titlob minnu l-kariga tiegħu.

**Pilatu:** Ipprova jgħid lill-Imħallef li hu kien ħasel idejh, u għall-mistoqsija li l-imħallef għamillu jekk kienx irnexxilu jaħsel ukoll il-kuxjenza tiegħu, Pilatu niżżel rasu u ma tkellimx. Semma' kemm kien tħabat biex jeħilsu, saħansitra poġġih qrib Barabba, il-bniedem mill-agħar biex żgur jakkwista l-ħelsien tiegħu. Hu baqa' jsosti li tort ma kellux.

**Raġel:** (li tela' jitkellem f'isem l-irġiel kollha) Insista li s-sehem li hu ħa kien wieħed passiv. Qalulhom biex jgħajtu kontra Ġesù, u għalkemm ma kellhom xejn kontra tiegħu, ħallew il-flus ileqqu f'idejhom jgħammxulhom għajnejhom, u għollew leħinhom biex tennew: "Sallbu....Sallbu....." Hu għamel bħalma għamel ħaddieħor, la iżjed u l-anqas inqas.

**Mara:** (f'isem in-nisa kollha) Ammettiet li kienet fit-triq li tieħu għall-Kalvarju. Ammettiet ukoll li kienet il-kurżità li ħarġitha minn darha biex tara dak li kien qed jiġri. Ammettiet ukoll li tkażat b'dik il-mara, Omm Ġesù li marret tgħannaq lil binha akkużat u anke b'dik il-mara l-oħra li ħarġet u xxuttat wiċċ Ġesù. Biss qalet ukoll, li malli Ġesù resaq lejja u ratu f'dik is-sura, kienet tħassritu u xi demgħat niżlu ukoll minn għajnejha. Iżda ċ-ċanfira li taha xejn ma niżlitilha meta qalilha biex tibki lilha nfisha u lil uliedha.

**Suldat Ruman:** Qal li dmiru hu li jobdi. X'tort tagħtih jekk jiġi mġiegħel jagħmel affarijiet li forsi anqas biss jinteressawh. Ġab skuża billi qal li tant ma kienx jimpurtah bil-mewt ta' Ġesù, li iktar kien moħħu jirbaħ il-libsa tiegħu, u kien għalhekk li qagħad fil-ġenb jilgħab ix-xorti għaliha. It-teżi tiegħu kienet, suldat għandu min hu fuqu.....

Malli ntemmu x-xhieda kollha, l-Imħallef inġabar f'kamartu biex jiżen dak li sama'. Il-folla qalet tagħha u min jixli lil dak u min jinsisti li l-ieħor kien ħati. Ngħid il-veru anke jien tħassibt min seta' kien. U ma stajtx insib tarf. Ma ridtx inkun xagħra waħda f'ras l-imħallef.



Għadda l-ħin. Iżda l-folla baqgħet hemm tistenna. Il-ġurnalisti wkoll bqajna hemmhekk. Anqas gidma ħobż ma ssuggrajna noħorġu nieħdu li ma jmurx joħroġ l-Imħallef u ma nisimgħux il-verdett.

Wara ma nafx kemm ħin, tbexxaq il-bieb. Għajnejn kulħadd twaħħlu fuq il-persuna ta' l-Imħallef. Ħa postu. Fl-Awla waqgħet sikta kbira. Kulħadd issummat jistenna l-verdett. Imbgħad, l-Imħallef qam min postu, irranġa t-toga fuq spallejh, qaħqah tnejn biex inaddaf griżmejh u b'leħen li damdam ma' l-Awla kollha, qal: "JIEN NAKKUŻA LILEK BIL-QTIL TA' ĠESÙ TA' NAZARETH!" U fil-waqt li qal hekk, ipponta sebgħu l-werrej lejja. Kien qed jakkuża lili! Ridt l-art tiblagħni. Għajnejn kulħadd waqgħu fuqi. Id-daħka sarkastika tagħhom niffditni u ħassejtni bla saħħa. B'leħen kemmkemm jinstama' lissint: "Imma għaliex?"

U l-Imħallef, b'ton serju, weġibni: "Dawn l-akkużati kollha li hawn fl-iżbarra kellhom sehem kbir fil-mewt ta'Ġesù, iżda lkoll kemm huma, min ftit u min ħafna, għandhom xi ħaġa li tiskużahom u tnaqqsilhom mill-ħtija. Int, kull darba li tidneb, toqtol mill-ġdid lil Ġesù, bla m'għandek xejn x'jiskużak: taf xi tkun tagħmel, taf kontra min tkun qed teħodha, u xorta waħda tibqa' sejjer bl-agir tiegħek. Għalhekk, jien nakkużak!



**"Imma kif?" staqsejt jien, kemmkemm ninstema'.**
**"Int, bħal Pietru, ċħadtu u bdiltu mad-disco u l-ħbieb!**
**Int, bħall-Appostli, ħallejtu waħdu u ħrabt għax bżajt li titlef il-job!**
**Int, bħal Ġuda l-Iskarjota, bgħettu u bdiltu ma' biċċa film moqżież!**
**Int, bħal Kajfas, weġġajtu f'ħuk li stajt tgħinu u m'għintux.**
**Int, bħal Pilatu, ħsilt idejk biex ma tidherx ikrah ma' sħabek!**
**Int, bħall-oħrajn kollha, ħallejt il-ġid jagħmik, il-kurżita tifnik, u l-għażż imewtek!"**
**Ħassejt riġlejja jogħtru. Għajnejja ċċajpru u saħħa ma kienx baqagħli. Waqajt...**

Dak il-ħin l-iżveljarin daqq is-sitta. Kien sar il-ħin li nqum. Qatt f'għomri ma naf li ħadt gost bid-daqq ta' l-iżveljarin daqs dal-għodu. Ħariġni minn ħolma tal-biża'. Iżda allavolja ħolma, għadha ċara quddiem għajnejja, u bit-tagħlima tagħha ħadtha u ma ninsiha qatt. JIEN UKOLL ħati bil-qtil ta' Ġesù!

# IL-LIŻAR TA' TORIN

*minn*
*Dun Lawrenz Sciberras*

Fil-knisja katedrali ta' Torin, diġa sa mis-sena 1578 hemm miżmum b'għożża kbira l-LIŻAR ta' ĠESÙ. Il-kardinal tal-belt ta' Torin, Anastasju Ballestrero qal li din ir-relikwija hija "sinjal" ta' Kristu u tal-preżenza tiegħu fostna. U bir-raġun, għaliex mill-istudji xjentifiċi li saru u għadhom qegħdin isiru fuq il-Liżar ħarġu riżultati tassew pożitivi, riżultati li jsaħħu l-fidi tagħna fi Kristu Feddej.

**Drawwiet tal-Lhud.**

Għal mentalità lhudija d-differenza bejn ir-ruħ u l-ġisem ma tantx teżiżti. Veru li teżiżti l-firda, imma dment li jibqa' xi ħaġa mill-ġisem, anke il-għadam, allura tibqa' dejjem ir-rabta mar-ruħ. Veru li qatt ma jkun hemm stat ta' perfezzjoni kif kien qabel, imma r-ruħ tibqa' teżiżti u ħajja.

Dawn l-idejat għalhekk dwar l-eżiżtenza tar-ruħ, jiġġustifikaw l-attenzjoni kbira u l-ħarsien sħiħ li l-Lhud jagħmlu u jagħtu lill-ġisem tal-mejtin tagħhom. Ir-ruħ tibqa dejjem tħoss u tixxennaq li tingħaqad mill-ġdid mall-ġisem. Il-Lhud għalhekk jagħmlu minn kollox biex jieħdu ħsieb tal-katavri u jagħtuhom difna li tixirqilhom. Għall kuntlarju katavru li ma jiġix midfun ifisser l-aktar saħta li tista' tiġi fuqu. 1 Slat 14, 11; Ger 16.4.

**Tħejjijiet wara l-mewt.**

Hekk kif imut il-bniedem, it-tifel il-kbir tiegħu jew xi ħadd fost il-familjari tiegħu, jagħlaqlu għajnejh. Gen 46,4 Imbagħad wara biss ftit tal-ħin, il-familjari jibdew inaddfu l-ġisem, b'taħlita ta' żjut ifuħu, bil-mirra u sabbara. Ta' min jgħid li dawn il-fwejjaħ iqumu kemxa flus ġmielha. Meta dan ix-xogħol ikun lest, ikeffnu l-ġisem mejjet ġo liżar ġdid, u jgeżwru l-wiċċ u r-ras ġo maktur separat. Il-kulur kemm tal-liżar kif ukoll tal-maktur aktarx li kien ikun abjad. Ta' min iżid jgħid, li għal-Lhud l-kulur abjad huwa l-kulur tal-viżtu.

Din tad-dlik biż-żejt ifuħ, kif ukoll il-liżar hija xi ħaġa li kull bniedem kellu d-dritt għaliha. Tant huwa veru dan, li l-liġi tati l-permess anke f'jum is-Sibt jew f'jum ta' fetsa, li wieħed seta imur jixtrihom. U minn naħa l-oħra, tal-ħanut ma jistax jiċħad lix-xerrej dan id-dritt. (Mixna, Shabbat 23,4). Hekk jiġi spjegat il-fatt kif Nikodemu meta kien ġej lura mingħand Pilatu, xtara "taħlita ta' morr u sabbara" Gw 19,39b. Il-membru tas-Sinedriju għamel dan, biex jidlek il-ġisem ta' Ġesù u jagħtih difna kif tassew tixraqlu.

Meta Kristu qam glorjuż mill-mewt, Pietru u Ġwanni waslithilhom din l-aħbar. Telqu jiġru lejn il-qabar u sabuh vojt. Daħal l-ewwel Xmun Pietru **"u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, u l-maktur li kien madwar rasu"**. Gw 20,7. Dan għalhekk ifisser li Ġesù kien tassew imkeffen skond id-drawwiet tal-Lhud.

**Riżultati pożitivi.**

Minn din id-deskrizzjoni qasira dwar il-kura li l-Lhud jagħtu lill-iġsma ta-mejtin tagħhom, wieħed jasal biex jemmen kemm dak li Nikodemu u Ġużeppi minn Arimatija għamlu mall-ġisem mejjet ta' Ġesù huwa veru.



Issà grazzi għal dawk il-fwejjaq u ż-żejt, għaliex kemm il-feriti, kif ukoll il-bqija tal-ġisem ta' Ġesù, dan ġie stampat fuq il-liżar.

U l-lum ix-xjenza waslet għal bosta konklużjonijiet, kollha meħudin mir-riżultat tal-Liżar ta' TorinFosthomta' min isemmi:

(1) Ix-xewk ta' fuq ras Ġesù, ma kienx sempliċement kuruna, imma ċappa, u dan biex jgħatti l-qorrejja kollha.

(2) Il-ferita ta' l-imsiemer saret fil-polz ta'Ġesù, għaliex hekk aktar seta jiflaħ il-ġisem ta' Ġesù

(3) Mill-kobor tal-ferita li Ġesù kellu fuq għonqu kkaġunata mill-għuda tas-salib, ġie ikkalkulat it-toqol ta' dan it-travu li ġarr Ġesù; jiġifieri 65 kilogramma.

(4) Tlieta kienu l-imsiemer li permezz tagħhom Ġesù sefa msammar mas-salib. Tnejn għal IdejH u wieħed għal RiġlejH.

(5) Id-daqqa ta' lanza daħlet bejn il-ħames u s-sitt kustilja.

(6) Id-daqqa ta' lanza ta' Ġesù kienet fuq in-naħħa tal-lemin tal-kustat ta' Ġesù, u kienet f'direzzjoni vertikali.

Ir-relikwija għażiża tal-Liżar hija għalhekk xhieda ċara u ħajja li turi u tixhed kemm bata u sofra dak il-bniedem li ġie mkeffen ġol-Liżar.

**Konklużjoni.**

Ma hemmx ħaġa tant qawwija u tant meħtieġa sabiex biha naqilgħu s-salvazzjoni ta' ruħna, daqs li wieħed jaħseb u jimmedita kuljum it-tbatijiet ħorox li sofra Ġesù fil-passjoni u l-Mewt tiegħu.

# IL-FRATELLANZA TAL-KURĊIFISS

Għalkemm mhix l-eqdem fratellanza mwaqqfa fil-parroċċa tagħna, il-Fratellanza tal-Kurċifiss nistgħu ngħidu li saret l-iktar waħda popolari mindu twaqqfet fl-1893. Dwar it-twaqqif ta' din il-fratellanza hekk kiteb il-Kan Dun Nikol Vella Apap fil-Yearbook tal-Bażilika tagħna Nru.1 (1975):

*"Din il-fratellanza għażiża ġiet imwaqqfa bil-ħidma tal-Viċi-Parroku ta' San Ġorġ Dun Vincenz Zammit. Iċ-ċerimonja tal-ilbies ta' l-ewwel fratelli tal-Kurċifiss, li kienu ħamsa u tletin, ġiet imexxija mill-Isqof Mgr. Giov. Maria Camilleri (1889-1924) O.E.S.A. fil-15 ta' Ottubru 1893. Il-fratellanza tal-Kurċifiss, li dejjem kellha numru kbir ta' fratelli, il-Ħadd 23 ta' Settembru 1894 għamlet l-ewwel festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib, (f'din il-Bażilika) fejn kien ħa sehem ukoll l-Isqof Camilleri. Din il-Fratellanza mexxiet ukoll għall-ewwel darba il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fis-sena 1894. B'diploma tas-6 ta' Frar 1932 din il-fratellanza ġiet magħquda ma' dik Primarja li hemm imwaqqfa fil-Knisja ta' San Ġwann u San Pawl f'Ruma. Din il-Fratellanza twaqqfet fi żmien l-Arċipriet il-Kan. Dr. Dun Felic Refalo (1872-1917)."*

Għalkemm il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira llum jieħu ħsiebha Kumitat imwaqqaf apposta, il-Fratellanza għad għandha sehem kbir fil-purċissjoni. Biżżejjed ngħidu li l-libsa ta' din il-fratellanza ġiet adattata biex tintlibes minn dawk kollha li jieħdu sehem fil-purċissjoni devota tagħna.

Bl-inizjattiva tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira qed issir ħidma biex din il-fratellanza tiegħu ħajja ġdida. Hemm il-ħsieb li f'xi waħda mill-ġimgħat tar-Randan issir il-Vestizzjoni ta' fratelli ġodda u ġa numru sabiħ ta' rġiel inkitbu għal dan il-għan. Dawk li huma interessati u li mhumiex miktubin fil-Fratellanza tal-Kurċifiss jistgħu javviċinaw lil Fr. Louis Bezzina jew lis-Sur Ġorġ Borg li ġew inkarigati minn din il-ħidma.

# IT-TQARBIN FL-IDEJN



Nhar l-1 ta' Jannar li għadda f'Malta u Għawdex beda jsir it-tqarbin fl-idejn. Qabel dan il-jum fil-parroċċa tagħna saret tħejjija xierqa biex it-Tqarbin fl-idejn jibda jsir bl-ikbar serjetà u devozzjoni. L-ewwelnett saret laqgħa għall-Presbiterium Parrokkjali biex jara x'jista isir biex il-komunità titħejja sewwa għat-tqarbin b'dan il-mod. Fil-familji kollha ġie mqassam fuljett dwar it-tqarbin fl-idejn li kien jispjega ċar kif dan għandu jsir. Barra dan f'diversi okkażżjonijiet ġie spjegat dan il-mod kif wieħed jista' jitqarben fl-omeliji tal-quddiesa. Saru wkoll laqgħat speċjali għat-tfal biex setgħu jiġu spjegati lilhom b'mod ċar dan kollu li ġie mitlub mill-insara biex jkunu jistgħu jitqarbnu f'idejhom. Barra dan kollu fil-quddies fil-bażilika tagħna bdejna nużaw filliera waħda waqt it-tqarbin biex ikun hemm wisa li min jitqarben f'idejn jimxi fil-ġenb u jqarben lilu nnifsu. Nistgħu ngħidu li madwar ħamsin fil-mija ta' dawk li jisimgħu l-quddies fil-parroċċa tagħna llum draw dan il-mod kif jitqarrbnu u qed jitqarrbu f'idejhom.

Imma tajjeb li nfakkru f'dawk il-punti mportanti li nsibu f'dak il-fuljett li tqassam u li jgħidulna x'inhu dak li għandna ngħamlu qabel nitqarrbnu:

Ħejji lilek innifsek sew billi:

- ***Tkun fi stat ta' ħbiberija m'Alla***
- ***Tkun sajjem għall-inqas minn siegħa qabel***
- ***Tieħu sehem sħiħ fil-quddiesa***
- ***Tersaq titqarben b'devozzjoni u qima kbira***
- ***Ikollok idejk indaf u ma tkunx bl-ingwanti.***

Ftakar li int tkun ser tirċievi il-ĠISEM TA' KRISTU.

# ĠIMGĦA TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Mis-16 sal-21 ta' Frar li għadda nżammet fil-parroċċa tagħna il-Ġimgħa taż-Żgħażagħ. Grupp ta' madwar mija u erbgħin żgħażugħ attenda regolarment għall-laqgħat li saru fis-sala taċ-ċentru parrokkjali. Saru taħdidiet minn Mons Isqof (Ara paġna 7), minn Dun Effie Masini, mis-Sur Joe Sammut tal-Caritas Malta, slide feature mill-Grupp Djocesan taż-Żgħażagħ u play forum. Fi tmiem it-ġimgħa kien hemm quddiesa mill-Arċipriet u wara get-together li fih ħadu sehem l-Astra Folk Group, Tarcisju Gauci, Joe Bezzina u Gorg Camilleri tal-Group 'Dwejra', u Dun Effie Masini. Iż-żgħażagħ marru wkoll jagħmlu xogħol volontarju fl-istituti tad-Djoċesi s-Sibt fil-għodu bħala parti mill-attivitajiet tal-Ġimgħa taż-Żgħażagħ.



*Il-panel li mexxa d-diskussjoni waqt il-play forum*



*Iż-żgħażagħ attenti jisimgħu taħdita*

# ROKNA GĦAT-TFAL



Għeżież tfal,

Illum se nibda billi nagħmlilkom mistoqsija. Miniex se nistaqsikom kif intom, għax naf li tinsabu lkoll qawwijin u sħaħ, għalkemm forsi ħakmitkom xi ftit l-influwenza. Se nistaqsikom xi ħaġa oħra. Kif mortu fl-eżamijiet ta' nofs is-sena? Jekk tgħiduli li mortu ħażin, inħares lejkom bl-ikraħ u forsi nbeżbiżkom xi waħda wkoll. Imma jien naf li mortu tajjeb u m'għandix għalfejn nagħmel dan. Biss, ninsisti ma' dawk li forsi setgħu marru aħjar, biex jistudjaw iżjed u jagħmlu sforz ikbar biex meta jaslu l-eżamijiet tas-sena tkunu ppreparati tajjeb biżżejjed biex tiksbu riżultat mill-aqwa.

Tfal, ir-Randan issa magħna mill-ġdid. Tajjeb, għalhekk, li f'dan iż-żmien għażiż u qaddis tas-sena, barra li nitħejjew sewwa u kif jixraq għall-ikbar festa li għandha l-Knisja -- l-Għid -- nagħmlu kull ma nistgħu biex nuru li nħobbu lil Ġesù tabilħaqq. U dan nagħmluh billi, l-ewwelnett, nattendu għall-eżerċiżżi, jiġifieri l-priedki, li jsiru apposta għalina. Imbagħad, nippruvaw nagħmlu xi ftit sagrifiċċji żgħar, bħal, ngħidu aħna, ma nieklux ħelu. Barra minn hekk, naraw li nitolbu ftit iktar mis-soltu u nitolbu aħjar. Fl-aħħarnett, inqisu li nobdu iktar lill-ġenituri tagħna, nirrispettawhom f'kull ħin, u naraw li ma nonqsuhom f'xejn; aktar attenzjoni u mġieba tajba fil-klassi tad-duttrina u l-iskola; u eżempju tajjeb kull fejn inkunu.

Dan kollu jgħinna mhux ftit biex Ġesù jkun ferħan bina tassew. U kulħadd jixtieq li Ġesù jkun ferħan bih! Għaldaqstant, mingħajr ma noqogħdu nġibu skużi jew noħolqu diffikultajiet bla bżonn, inqisu li nwettqu dawn id dmirijiet li għandna bħala nsara, biex il-Qawmien ta' Ġesù Kristu mill-Mewt ikun għal kull wieħed u waħda minna bidu ta' ħajja ta' qdusija li twassalna fil-ferħ ta' dejjem fil-Ġenna.

Tfal, ma rridux ninsa ngħidilkom li qabel ma nerġgħu niltaqgħu f'ħarġa oħra ta' "Il-Belt Victoria", irridu niċċelebraw JUM SAN ĠORĠ. Din is-sena din it-tifkira għażiża għalina l-Ġorġjani se tkun it-Tnejn 27 t'April. Nittamaw li dak in-nhar, ilkoll kemm intom tisimgħu l-Quddies u titqarbnu, waqt li titolbu b'ħeġġa lil San Ġorġ biex bħalu jagħmilkom tfal tajbin li tħobbu tabilħaqq lil Ġesù u lil Ommu Marija.

*Tata'.*
*Iz-Ziju Peppi*

# Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira

Din is-sena l-Purċissjoni devota u tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-parroċċa tagħna ser toħroġ nhar Ħamis ix-Xirka. Tajjeb li millum nibdew nitħeġġu biex l-irġiel, ġuvintur u tfal jieħdu sehem u jgħinu fl-organizzazjoni tagħha. Il-Kumitat imwaqqaf apposta biex jieħu ħsieb din il-purċissjoni qed jiltaqa' regolarment biex jara li kollox jimxi sew bħas-soltu u jara wkoll jekk ikunx hemm bżonn li jsiru affarijiet bżonjużi. Fil-fatt din is-sena ser jinbidel l-ilbies tal-bellus ta' żewġ statwi, billi ilu jintuża għal ħafna u ħafna snin.

Iżda dwar il-purċissjoni rridu nżidu dan:

- ***Il-Ġenituri għandhom jgħinu billi ma jippretendux li tfal żgħar ħafna għandhom jieħdu sehem fil-purċissjoni.***
- ***Il-ġenituri għandhom iħeġġu tfal imfarfrin biex jgħinu u jieħdu sehem***
- ***Ħadd ma jista' jieħu sehem fil-purċissjoni għax għandu xi wegħda li jġorr il-ktajjen mingħajr ma javża, avolja jkollu libsa u ktejjen tiegħu***
- ***Kull min jinkiteb biex jieħu sehem b'xi mod fil-purċissjoni għandu jattendi għal xi laqgħat li jsiru qabel.***
- ***Kull min jieħu sehem għandu jagħmel dan b'devozzjoni u serjetà***
- ***Kull min juża libsa tal-Knisja għandu jirritornaha meta jkun mitlub, għax kull sena qed jonqsi xi ilbiesi li jiswew il-flus biex isiru.***
- ***Ħadd ma għandu jippretendi li jżomm il-libsa minn sena għal sena.***
- ***Il-Kumitat jirringrazzja li kull min jgħin biex il-purċissjoni titmexxa sewwa bħas-snin l-imgħoddija.***

Dawk it-tfal, ġuvintur u rġiel li jridu jieħdu sehem fil-purċissjoni għandhom ikellmu lis-Sur Ġorġ Borg, lil-Fr. Louis Bezzina jew lil Kan Dun Nikol Vella Apap.

# Żewġ Bradelli Ġodda

Bil-għajnuna u l-ġenerożità ta' xi benefatturi s-sena li għaddiet ġew imżanżna żewġ bradelli tal-kewba waħda għall-Vara l-Kbira u l-oħra għar-Redentur. Din is-sena wkoll bil-għajnuna ta' benefatturi oħra ser jiżżanżnu żewġ bradelli oħra. Dawn ser ikunu waħda għall-istatwa ta' Ġesù fil-Ġetsemani u l-oħra għall-istatwa devota tad-Duluri. Minn dawn il-kolonni nirringrazzjaw lil dawk il-benefatturi li għenu biex setgħu jsiru dawn iż-żewġ bradelli. Nittamaw li fi żmien mhux il-bogħod jiġu wkoll il-bradelli l-oħra li baqa'.

# IŻ-ŻGĦOŻIJA HIJA TEŻOR: TAĦLIHIEX!

*Il-punti ewlenin tad-diskors li Mons Isqof Nikol Cauchi għamel liż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna fil-ftuħ tal-Ġimgħa taż-Żgħażagħ.*

Iż-Żgħożija hija l-isbaħ żmien li minnu jgħaddi l-bniedem. Matul iż-żgħożija, iż-żgħażagħ kollha jħarsu lejn iż-żmien u jaraw fih xi ħaġa li għad trid tiġi, meta bnedmin oħrajn x'aktarx iħarsu lejn iż-żmien bħala xi ħaġa li għaddiet.

## X'toffri ż-żogħżija:

**Iż-żgħożija hija żmien:**
- *li fih is-setgħat tar-ruħ huma fl-aqwa tagħhom.*
- *li fih il-memorja tkun għadha friska u tgħinek iżżomm minjiera ta' affarijiet li jistgħu ikunu utli għalik 'il quddiem.*
- *li fih l-fantasija tiġri ħafna u tixgħel b'kull kelma u b'kull ġest li tara jew tħoss jew tisma'.*
- *li fih l-intelliġenza tkun qegħda tilħaq il-milja tagħha u ssir tifhem aħjar ħafna affarijiet li s'issa jkunu għadhom mistura.*

Iż-żgħożija hija żmien ta' **ottimiżmu:**
huwa dak iż-żmien li l-parti l-kbira taż-żgħażagħ jaraw l-iżjed il-"**bright side of things**

Iż-żgħożija hija żmien ta' **kuraġġ:**
**Iż-żgħażagħ huma dawk il-bnedmin li ma jaqtgħux qalbhom.**
**li lesti dejjem jidħlu għal dak li l-ħajja tpoġġi quddiemhom.**

**Iż-żgħożija hija żmien ta' entusjażmu:**
il-qalb żagħżugħa hija qalb mimlija b'entusjażmu li jgħin bil-bosta biex id-dinja tagħna tibqa' żżomm it-temperatura tagħha.

## Kif tista' tinħela ż-żgħożija?

**1. Bid-DROGA:**
li filwaqt li twiegħed il-ferħ u l-hena tkisser moralment u fiżikament lil min jeħodha u tħalli effett ħażin f'dawk li jiġu f'kuntatt miegħu.

**2. BIS-SESS BLA EBDA KONTROLL:**
li tagħmel mill-bniedem ilsir tal-passjonijiet tiegħu, jitlef is-sbuħija tal-vera imħabba u jaħraq kmieni l-isbaħ żmien ta' ħajtu.

**3. BIL-PARASSITIŻMU:**
jiġifieri meta ż-żagħżugħ jipprova jgħix minn fuq dahar ħaddieħor; jgħix fl-għass u jippretendi li oħrajn jidħlu għalih biex jgħix aħjar.

**4. BIL-KUMPANNIJA ĦAŻINA:**
Il-Malti għid: "Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int". Filwaqt li nemmnu li min ikun sab ħabib ikun sab teżor, hekk ukoll ikollna nammettu li kumpannija ħażina tirvina iż-żgħożija tagħna.



## Kif nistgħu nagħmlu l-aħjar użu minnha?

Ma rridu qatt ninsew li ż-żgħożija hija l-ewwel u qabel kollox iż-żmien tat-tħejjija:

- ***għar-responsabbiltà tal-familja li 'l quddiem xi wħud iridu jwaqqfu;***
- ***għall-ħajja kkonsagrata li xi wħud forsi jkunu diġa qegħdin iħossu s-sejħa għaliha;***
- ***għall-ħajja tax-xogħol, li titlob mingħand kulħadd għarfien aħjar tad-drittijiet u dmirijiet li hemm konnessi ma' hekk;***
- ***għall-bini ta' soċjetà ġdida, li tkun addatata maż-żmien li fih jgħixu dawk li jiffurmawha.***

## Tridu tibqgħu Żgħażagħ?

*Il-Kittieb Taljan Giovanni Papini kien għamel din il-mistoqsija importanti, li għaliha żgur kulħadd iwieġeb "iva", għaliex kulħadd jixtieq jibqa' żagħżugħ.*

Mela,

**JEKK TRIDU TIBQGĦU ŻGĦAŻAGĦ:**
**— Kunu lesti li tikkumbattu ma' kull maltemp li jitfaċċa quddiemkom.**
**— kunu kapaċi li tħobbu b'imħabba vera, dejjem, f'kull post u lil kulħadd.**
**— Żommu dejjem fikom xewqa kbira li titgħallmu, u qatt tgħidu: jien naf bizżejjed.**
**— Żommu dejjem quddiemkom bħala "leader" tagħkom lil Kristu, ż-żagħżugħ ta' dejjem.**

# IL-FESTA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ



Din is-sena l-festa liturġika tal-Patrun tagħna il-Megalomartri San Ġorġ tiġi ċelebrata nhar it-Tnejn 27 ta' April, billi t-23 ta' April ser jaħbat fl-Ottava ta' l-Għid il-Kbir. F'dan il-jum kull membru tal-komunità parrokkjali għandu jagħmel ħiltu biex jisma' il-quddies u jitqarben. Biex dan il-jum inqaddsuh fil-parroċċa tagħna jkollna quddiesa matul il-jum kollu anke wara l-quddiesa tas-1.00p.m Għalhekk ħadd m'għandu jitlef quddiesa f'dan il-jum. Il-festa liturġika, ta' San Ġorġ tilħaq il-qofol tagħha meta mbagħad dak in-nhar fil-għaxija fis-7.00pm Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna jmexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru u jagħmel ukoll l-omelija ta' l-okkażżjoni.

U f'dan il-jum għażiż għall-parroċċa tagħna jeħtieġ li nitolbu lil San Ġorġ bl-ikbar għożża u devozzjoni ħalli jsaħħaħ fina l-fidi li hu ma beżax iħalli ħajtu għaliha. Nitolbuh bħalma kienu jitolbuh missirijietna u ngħidulu bil-qalb f'dan il-jum tal-festa tiegħu:

Imqaddes Ġorġi, Martri ta' l-għaġeb......Itlob Għalina
Imqaddes Ġorġi, Ħabib ta' Kristu.........Itlob Għalina
Imqaddes Ġorġi, Difensur tal-Knisja........Itlob Għalina
Imqaddes Ġorġi, Dawl tal-verità...........Itlob Għalina
Imqaddes Ġorġi, Prinċep tal-Martri......Itlob Għalina
Imqaddes Ġorġi, Suldat nobbli ta' Kristu..Itlob Għalina

## *Dramm dwar il-Ħajja ta' SAN FRANĠISK*

L-Għaqda tal-Palk Astra dan ir-Randan ser terġa' tippreżenta spettaklu reliġjuż ieħor - INT FEJN SEJJER? kitba ta' Gwann Abela o.f.m., Dramm minsuġ dwar il-ħajja simpatika ta' Francesco t'Assisi.

L-ewwel rappreżentazzjoni se ssir is-Sibt 21 ta' Marzu, taħt il-ħarsien distint ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi. Id-dramm se jerġa jsir il-Ħadd 29 ta' Marzu, u l-Ħadd 5 t'April, din tal-aħħar Show Speċjali għall-Maltin (fl-10.00 a.m.)

Barra li hu nisġa tal-ħajja tal-Fqajjar t'Assisi, dan id-dramm spettakoluż joffri mistoqsija diretta lil kull wieħed u waħda minna. Huwa dramm li jrid iservi, kif jispjega l-awtur stess, ta' messaġġ għaż-żmenijiet tagħna tallum. Mill-qalb ta' Francesco ħareġ il-messaġġ ħaj tal-Vanġelu. il-messaġġ tal-Paċi. Id-dramm iżommok għal sagħtejn sħaħ fil-ferħ u fil-paċi ma' Francesco, u jurik liema triq għandek taqbad jekk għadek tabilħaqq ma tafx fejn sejjer.

It-Teatru Astra qed jagħmel minn kollox biex jikseb suċċess ieħor b'dan l-ispettaklu medjovali. Cast ta' 'l fuq minn 80 ruħ se jieħdu sehem u magħhom iż-żewġ korijiet tal-Bażilika tagħna, Chorus Urbanus u Laudate Pueri. Id-dramm huwa mżewwaq b'waqtiet mużikali, kant u żfin.

**MILL-ĦADD, 29 TA' MARZU 1987**
**IL-ĦINIJIET TAL-QUDDIES FIL-GĦAXIJA**

**Ħdud u Festi: 5.00, 6.30 p.m**
**Matul il-Ġimgħa 5.30 p.m., 7.00 p.m.**

**(N.B. Matul Marzu l-aħħar quddiesa ta' fil-għaxija matul il-ġimgħa tkun fis-6.30 p.m.)**

# EŻERĊIZZI TAR-RANDAN FIL-BAŻILIKA SAN ĠORĠ

***Mit-Tnejn, 23, sal-Ġimgħa 7 ta' Marzu***
***GĦAL KULĦADD*** — *Fis-1.45 p.m.*
*Predikatur* — *Mons Gużeppi Buttigieg*
***GĦAL KOPPJI MIŻŻEWĠA*** — *Fis-7.00 p.m.*
*Predikatur* — *Patri Klement Azzopardi O.C.D.*

(Ikun hemm min jieħu ħsieb it-tfal fiċ-Ċentru)

***Mit-Tnejn 30 ta' Marzu sal-Ġimgħa 3 ta' April:***
***GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ*** — *Fis-7.30 p.m.*
*Predikatur* — *Patri Gwardjan Albert Micallef O.F.M.*

**INTI TAJT SEHMEK GĦAR-RESTAWR TA' L-ARMAR TAL-FESTA TA' SAN ĠORĠ? JEKK LE KELLEM LIL XI MEMBRU TAL-KUMITAT "LA STELLA".**

A&M PRINTING LTD.-553217